Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 48. Illum it-Tlieta, 13 ta' Jannar 2009

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet***
***Gieh Mgarr 2009***
***Zjara mill-Eccellenza tieghu, il-President ta' Malta***
***Gemellagg mal-lokalita ta' Mathi (To)***
***Sistema ta'* One way traffic *fi Triq il-Kbira, Triq Vitale u Triq Mons. Orazju Vella***
***Affarijiet Mixxellanji***

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

**389.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

389.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

389.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**390.0 Korrispondenza**

390.1 Il-Kunsillier David Battistino rrimarka li fil-proposta ghat-tibdil tar-rotot tal-linja, qed jigi propost li tal-linja tghaddi minn Triq il-Vanilja fil-hinijiet ta' filghaxija. Billi l-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta, se tigi mhejjija laqgha ma' l-Awtorita tat-Trasport pubbliku.

390.2 Il-Kunsill innota korrispondenza mill-MEPA u gie nnutat li zona fl-Imgarr giet skedata. il-Kunsill se joggezzjona ghal parti ta' l-iskedar fejn kien propost li ssir l-Industrial Park.

390.3 Il-Kunsill ghamel is-suggerimenti tieghu ghall-Immanigjar tat-traffiku fi Triq iz-zebbiegh, in konnessjoni ma' l-applikazzjoni ta' Petrol station f'din l-istess Triq.

390.4 Inqrat ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill gie nfurmat li l-Appell dwar l-offerta ta' konkos gie diferit sine die.

390.5 Giet innotata l-korrispondenza mill-MEPA.

390.6 Is-Sindku se jattendi ghal laqgha dwar l-Urban Improvement Fund, nhar il-Hamis, 16 ta' Jannar.

390.7 Il-Kunsillier David Battistino gie mahtur Kunsillier risponsabbli mil-lokalita sostenibbli in konnessjoni ma Memo 2/2009.

390.8 Il-Kunsill kien infurmat li l-Maratonasport se ssir fl-ahhar gimgha ta' Frar.

390.9 Il-Kunsill qabel li jaghmel l-arrangamenti necessarji biex jorganizza l-karnival nhar il-Hadd, 22 ta' Frar fil-pjazza.

391.0 Il-Kunsill se jippartecipa fil-proposta dwar Energy Saving mill-Gvern, li taghlaq nhar il-Gimgha, 31 ta' Jannar. L-Engineer tal-Kunsill minn Galea Curmi Engineering Consultants se jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet in konnessjoni ma din il-proposta.

391.1 Il-Kunsill gie nfurmat li l-elezzjonijiet lokali se jsiru nhar is-Sibt, 6 ta' Gunju 2009.

**392.0 Komunikazzjonijiet**

392.1 Is-Sindku nforma li tlestew ix-xoghlijiet fil-Bajja tal-Gnejna, fejn saret rikostruzzjoni tal-passagg mill-parkegg ghac-cikken mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet.

392.2 Is-Sindku nforma li tkellem mal-konsulent ghall-Immanigjar tat-traffiku dwar il-problema ta' parkegg fin-naha ta' isfel ta' Triq San Pietru minhabba li din it-Triq dejqa u ma tippermettix parkegg fuq iz-zewg nahat tat-Triq. Huwa ppropona li jsir single yellow line fuq naha wahda tat-Triq. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

392.3 Is-SIndku nforma li l-parti l-kbira tal-madum fl-estensjoni ta' l-Ufficju Amministrattiv issa tlesta u nbeda x-xoghol ta' zebgha. Huwa kompla li d-dawl wasal fl-ahhar stadju tieghu filwaqt li se jinbeda x-xoghol ta' ilma. Huwa ppropona li jinghazel materjal li bih ghandu jinkesa l-intrata ta' l-estensjoni. Il-Kunsill qabel li jsir bl-irham perlato.

392.4 Is-Sindku ppropona li tinhareg l-offerta ghal kisi tat-tarag ta' l-estensjoni. Il-Kunsill qabel li tohrog din l-offerta u li tinghata l-possibilita li l-istima tinkludi xelta ta' tliet materjali; resin, granit jew irham.

**393.0 Gieh Mgarr 2009**

393.1 Il-Kunsill fetah in-nominazzjonijiet ghar-Rikonoxximent u Gieh Mgarr li ssottomettew il-pubbliku. Wara diskussjoni fit-tul kien hemm qbil unanimu li s-Sur John Mary Vella u s-Sinjura Doris Micallef jinghataw l-Onoreficjenza Rikonoxximent, filwaqt li Gieh Mgarr jinghata lill-Kumitat Knisja Zebbiegh.

393.2 Il-Kunsillier David Battistino nforma li l-Kumitat taz-Zghazagh offrew l-ghajnuna taghhom billi se jservu ta' Ushers, se jiehdu hsieb ix-xenarju tal-palk, filwaqt li se jippreparaw prezentazzjoni Socjo Kulturali dwar l-Imgarr.

393.3 Il-Kunsill qabel li l-programm jibda fis-6.30p.m. u jigi pprezentat mis-Sinjorina Stephanie Deguara.

393.4 Il-Kunsill qabel li tigi ppreparata prezentazzjoni tax-xoghlijiet li wettaq il-Kunsill matul l-ahhar hmistax il-sena.

**394.0 Zjara mill-President ta' Malta**

394.1 Is-Sindku nforma li l-Ufficcju tal-President ta' Malta kkonferma d-dati ghaz-zjara tal-President li huma l-Erbgha, 4 ta' Frar u l-Hadd, 8 ta' Frar. Is-Sindku nforma bil-programm li gie ssuggerit mill-Ufficcju tal-President u qal li se jigi aggornat matul il-granet li gejjin.

**395.0 Gemellagg mal-lokalita ta' Mathi**

395.1 Il-Kunsill gie nfurmat li s-Sindku u r-rapprezentanti tal-Comune di Mathi jistghu jinzlu Malta biex jiffirmaw il-ftehim ta' Gemellagg bejn it-30 ta' April u l-4 ta' Mejju u ghalhekk talbu li jitfassal programm biex ikunu jistghu jirreklamawh mar-residenti taghhom biex ikunu jistghu jippartecipaw ukoll.

395.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar dan il-programm u kien hemm qbil li z-zjara tkun assistita mill-gwida turistika s-Sinjura Margaret Frendo.

395.3 Kien hemm qbil unanimu li l-Gemellagg jigi ffirmat nhar il-Hadd, 3 ta' Mejju.

395.4 Il-Kunsill qabel li jigi ffurmat Kumitat Organanizzattiv ghall-organizzazzjoni ta' din ic-cerimonja. Is-Sindku, il-Kunsillier David Battistino, is-Sinjura Joan Vella, is-Sinjura Victoria Grech u s-Sur Tonio Borg se jiffurmaw dan il-Kumitat.

**396.0 Sistema ta' One way traffic fi Triq il-Kbira, Triq Vitale u Triq Mons. Orazju Vella**

396.1 Is-Sindku ppropona li fid-dawl taz-zieda fit-traffiku fi Triq il-Kbira, b'sehh mid-9 ta' Frar, tigi ntrodotta sistema ta' one way traffic fi Triq il-Kbira, Triq Vitale u Triq Mons. Orazju Vella li kienet ilha mahsuba u approvata mill-2005. Il-Kunsill qabel mal-proposta unanimament. Kien hemm qbil li t-tabelli jitwahhlu matul il-gimgha ta' qabel u jinkixfu fid-9 ta' Frar.

**397.0 Affarijiet Mixxellanji**

397.1 Il-Kunsillier Agostino Ebejer rringrazzja 'l-Kunsill tal-card li baghat lill-martu Victoria meta hija kienet l-isptar.

397.2 Il-Kunsill gabar stimi ghall-accessorji tal-kmamar tal-banju ta' l-estensjoni ta' l-Ufficcju. Il-Kunsill qabel li jaghmel shortlisting ta' l-istimi ghal tlieta minghand Bathroom Design, Keramit u Blueline. Is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba biex tara s-samples ta' l-items minghand dawn il-kumpanija biex tkun tista' tittiehed decizjoni fil-laqgha li jmiss.

397.3 IL-Laqgha ntemmet fl-10.25p.m.

397.4 Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 3 ta' Frar 2009, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku